# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-23 ta' Frar 2001**

**Citazzjoni numru 1969/97 GC**

**Telemalta Corporation u fit-2 ta' Gunju 1998 is-socjeta Maltacom plc assumiet l-atti tal-kawza stante li din issuccediet bil-ligi l-korporazzjoni attrici**

**vs**

**Pacenzia Camilleri u b'digriet tat-2 ta' Gunju 1998 gie kjamat in kawza John Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn il-korporazzjoni attrici ppremettiet:-

Illi l-korporazzjoni attrici, fuq talba tal-konvenuta, kienet installat is-servizz telefoniku bi-numru 558312 fil-fond 70, Mattia Preti Street, Victoria, Ghawdex, u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioe kopja fotostatika awtentikata tas-`service agreement' ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess 'service agreement' il-konvenuta kienet obbligat ruhha thallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici;

Illi l-konvenuta hija debitrici tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta' Lm2682.70 (elfejn, sitt mija u tnejn u tmenin lira maltin u sebghin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni ma' l-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness 'statement' immarkat bhala Dokument B;

Illi l-istess konvenuta giet interpellata thallas is-somma msemmija izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk il-korporazzjoni attrici talbet li l-konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:-

1. tikkundannaha thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm2682.70 dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 558312 liema servizz kien gie installat mill-korporazzjoni attrici fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficcjali tat-30 t' Jannar 1997, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni tal-konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi l-gudizzju mhux integru stante illi l-kont hu debitu tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghalhekk ghandu jigi mharrek zewgha John Camilleri;

2. Illi fil-mertu l-attur irid jipprova l-korrettezza tal-kont stante illi l-kont ircevieh zewgha peress illi l-konvenut kienet separata de facto minn ma' zewgha u ma kinitx tabita fil-fond konjugali fejn kien installat is-servizz telefoniku;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet ta' din il-qorti (diversament presjeduta) tat-2 ta' Gunju 1998 li bih gie kjamat fil-kawza John Camilleri, r-ragel tal-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana fil-konfront ta' l-eccipjent u dana stante illi l-imsemmija linja tat-telephone numru 558312 gie installat mill-konvenuta Pacenzia Camilleri minghajr il-kunsens u kontra l-volonta' ta' l-eccipjent;

2. Illi l-eccipjent huwa mizzewweg lill-konvenuta Pacenzia Camilleri u huwa wkoll de facto separat mill-istess;

3. Illi l-imsemmi servizz tat-telephone, il-konvenuta mart l-eccipjent kienet tuzah primarjament sabiex iccempel lil certu Manuel Cuschieri, li kellu relazzjoni intima ma' l-istess konvenuta mart l-eccipjent u dana kif fil-fatt jirrizulta mill-break down sheet tat-telefonati annessa Dok A, u kif ser jirrizulta mill-provi;

4. Illi mart l-eccipjenti Pacenzia Camilleri dejjem kienet tghid lill-esponent illi dana l-individwu Manuel Cuschieri kien ser jaghmel hu tajjeb ghall-ispejjez tat-telephone li kien jintuza kontinwament bejn il-konvenuta mart l-eccipjent u dana Cuschieri;

5. Illi in fatti jirrizulta illi dana Cuschieri kien propju huwa stess li biddel in-numru tat-telephone li talbet li jigi installat mart l-eccipjent minn 558312 ghal 555974;

6. Illi ghaldaqstant, minhabba fir-ragunijiet moghtija l-esponent ma ghandux ikun ikkundannat ihallas ebda spejjez kif mitluba mis-socjeta' attrici u dana stante li kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni dawn l-ispejjez kienu inkorsi minn Pacenzia Camilleri;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamat fil-kawza debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Jannar 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u dana fil-konfront kemm tal-konvenuta kif ukoll tal-kjamat fil-kawza. Jirrizulta li l-konvenuta u l-kjamat fil-kawza huma mizzewgin u jidher li dan id-debitu hu wiehed tal-komunjoni tal-akkwisti. L-istess talbiet attrici ghalhekk ghandhom jigu akkolti fil-konfront kemm tal-konvenuta kif ukoll tal-kjamat fil-kawza, cioe fil-konfront tal-konjugi Camilleri;

Kemm il-konvenuta kif ukoll il-kjamat fil-kawza naqsu li jipproducu provi in sostenn ta' dak li gie minnhom sottomess fin-nota ta' eccezzjonijiet rispettiva taghhom;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta u lill-kjamat fil-kawza ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u tnejn u tmenin liri maltin u sebghin centezmu (Lm2682.70) dovuta ghall-uzu (pulses/calls), xoghol extra, kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 558312 u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenuta u l-kjamat fil-kawza.